*Ser inkomplu nduru s-Santwarji Marjani, u wara li ktibna dwar is-Santwarju ta' Loreto, dak Tal-Herba u dak tal-Kunċizzjoni tal-Qala, issa jmiss li nitkellmu dwar is-Santwarju tal-Karmnu bid-differenza li ser naraw il-festi li kienu saru 125 sena ilu fl-Inkurunazzjoni ta' l-ewwel kwadru nkurunat fil-Gżejjer Maltin.*



# Il-125 sena mill-Inkurunazzjoni

**kitba ta' Loreto J. DALLI**

Wara l-Assedju l-Kbir ta' l-1565, il-patrijiet tal-Karmnu ta' l-Imdina wrew ix-xewqa li jkollhom post jew kunvent fil-Belt Valletta jew fuq l-għolja ta' Xiberras. Il-pirjol Ġwanni Vella kien minn ta' l-ewwel li meta bdew jingħataw l-artijiet għall-bini fil-Belt Valletta talab biċċa art għall-kunvent Karmelitan. Din it-talba ġiet milqugħa. Fis-sena 1570 ingħatat biċċa art kbira fix-xaqliba tal-punent tal-Belt.

Il-kuntratt għax-xiri tal-kunvent sar fis-27 ta' Lulju ta' l-istess sena għand in-Nutar Placido Habel. L-art inxtrat għas-somma ta' 66 skud Maltin li Patri Ġwann Vella għadda lill-Gran Mastru Pietro del Monte iżda 33 skud minnhom ġew mgħotija lura.

F'dik l-istess sena beda x-xogħol tal-bini tal-Knisja taħt it-tmexxija tal-magħruf perit ta' l-Ordni tal-Kavallieri ta' Ġerusalemm il-Gudjan Ġirolmu Cassar. Għall-ewwel inbniet kappella u mbagħad bdiet bil-mod il-mod tiela' l-knisja u l-kunvent. In-nies tat kontribut kbir fil-bini sew tal-knisja kif ukoll tal-kunvent. Għenu b'kollox u b'kull mezz bħal ġbir ta' flus u anke għamlu xogħol b'xejn. In-nies kienet entużjażmata ħafna u kulħadd xtaq jagħti daqqa t'id sabiex il-knisja tfittex titla'.



*It-Titular tal-Madonna tal-Karmnu li 125 sena ilu kien l-ewwel inkwadru nkurunat fil-Gżejjer Maltin.*

Kien propju wara 38 sena, jiġifieri fl-1608 li l-knisja kienet lesta. Biss, il-kappelluni ħadu aktar żmien biex tlestew. Il-kunvent ħa aktar snin biex tlesta u kellu wkoll bosta tibdil mill-pjanta oriġinali. Il-kappella ż-żgħira li nbniet fil-bidu kienet iddedikata lil-Lunzjata bħalma tagħmel dejjem il-Komunità Karmelitana kull fejn tkun u damet taħt dan it-titlu sakemm tlestiet il-knisja fl-1608.

Fil-perijodu ta' bejn l-1570 u l-1608 din il-kappella kienet isservi ta' parroċċa. Dan nafuh miż-żjara li l-Isqof Duzina għamel fid-19 ta' Frar ta' l-1575. Din il-knisja għandha oratorju żgħir li qiegħed malli tidħol min-naħa tal-kunvent. Dan l-oratorju huwa tal-konfraternità ta' San Ġużepp.

Il-Bażilika Karmelitana għandha kannierja fejn kien isir id-dfin. Illum m'għadhiex tintuża. Ta' min isemmi li fost dawk midfuna hemm kavallieri kif ukoll ir-Rev. Kommendatur Fra Fabrizio Cagliola u personalitajiet oħra fosthom patrijiet ta' l-Ordni Karmelitana.

L-istatwa tal-Karmnu fil-Belt Valletta kienet diġà teżisti qabel l-1657. Ta' min jgħid li l-vara li llum hemm fil-knisja ta' San Ġiljan, fil-Balluta, saret mill-fratelli Karmelitani tal-Belt fl-1780 u nġabet minn Napli. Din il-vara hija waħda artistika għall-aħħar, speċjalment wiċċ il-Madonna li għandu espressjoni li ssaħħrek.

Apparti fil-Belt Valletta, id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu hija mxerrda ma' Malta kollha. Per eżempju nsibuha wkoll fiż-Żurrieq, fil-Fgura, fix-Xlendi Għawdex u postijiet oħra. Nistgħu ngħidu li l-gżejjer Maltin huma xhieda waħda ta' devozzjoni u ħarsien tal-jum iddedikat lill-Madonna tal-Karmnu li huwa s-16 ta' Lulju. Għalija dan il-jum huwa bħal lejliet Santa Marija - l-għatba ta' l-Assunta - jum fil-kullana tad-devozzjoni Marjana fil-gzejjer Maltin.

Għaldaqstant il-patrijiet Karmelitani wrew ix-xewqa li l-inkwadru tal-Madonna tal-Karmnu jiġi nkurunat b'wirja esterna fuq il-kwadru ġewwa s-Santwarju tagħha fil-Belt Valletta. Kienet xi ħaġa ġdida u kbira f'Malta li x-xbieha t'Ommna Marija tiġi nkurunata sollennement mill-Kapitlu tal-Vatikan. Il-ħsieb dwar l-inkurunazzjoni beda jiġi attivat uffiċjalment fl-1874 permezz tal-patri ġenerali ta' l-ordni - Rev. Angelo Savini u bl-approvazzjoni ta' l-Isqof ta' Malta ta' dak iż-żmien - Mons. Carmelo Scicluna.

Dan l-inkwadru li llum jgħodd 'il fuq minn erbgħa

sekli kellu l-ħtiġijiet kollha biex ikun inkurunat. L-inkurunazzjoni ta' l-inkwadru ġabet magħha diffikultajiet finanzjarji għall-ordni Karmelitana. Ta' min jgħid li dan kien żmien ta' għaks għal Malta. Is-somma li kienet meħtieġa għaż-żewġ kuruni - dik tal-Bambin u tal-Madonna - kienet tammonta għal madwar Lm1,250. Il-qalb tad-devoti kienet kbira tant li nstabu tlett persuni li ħallsu huma s-somma biex setgħu jsiru dawn il-kuruni.

Saru festi kbar għal din l-okkażjoni, li kienet l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fil-gżejjer Maltin. Il-patrijiet tal-Karmnu riedu jagħmlu festi ta' ġieħ u qima lejn Ommna Verġni Marija. Għal dawn il-festi li kellhom il-bidu tagħhom fit-2 ta' Lulju, stiednu predikaturi differenti fosthom Patri Kerubin, Kapuċċin li kien meqjus bħala oratur qawwi dak iż-żmien.

Għall-istess okkażjoni kien ġie Malta l-Patri Ġenerali ta' l-istess ordni Rev. Angelo Savini fejn ġie milqugħ fil-pjazza ta' San Ġorġ minn folla kbira ta' nies. Fi-12 ta' Lulju 1881, fid-disgħa ta' fil-għodu bdiet il-quddiesa fis-santwarju mir-Rev. Savini u ntużat il-mużika tas-Surmastrijiet Dr. Paolo u Antonio Nani. Wara l-vanġelu sar il-paniġierku tal-festa bit-Taljan u dan wassal biex aktar minn nofs in-nies preżenti ma fehmu xejn!

Fl-istess jum fil-għaxija, wara l-kant tal-Kompeta sar paniġierku ieħor minn Goffredo Xerri, din id-darba bil-Malti. Fil-jiem ta' wara rrepetew ruħhom l-istess funzjonijiet ta' qabel mill-patrijiet ġenerali, isqfijiet ta' Malta u Għawdex, kanonċi u dinjitarji oħra. Hija ħasra kbira li ħafna mill-paniġierki li saru għal din l-okkażjoni saru bit-Taljan fejn ħafna mill-messaġġi li saru ma nftehmux min-nies.

Il-15 ta' Lulju kien propju xahar qabel l-Assunta. Kien jum ta' ferħ għall-poplu Malti kollu speċjalment għall-Komunità Karmelitana fil-gżejjer Maltin. JUM L-INKURUNAZZJONI ta' l-inkwadru huwa meqjus bħala jum għażiż u propju din is-sena jaħbat il-125 anniversarju minn din il-ġrajja.

Fis-sitta ta' fil-għodu bdiet il-quddiesa bil-kant u għall-ħabta tas-sebgħa u nofs l-Arċisqof ta' Malta - Carmelo Scicluna - wasal fil-knisja fejn għamel żjara lill-Ġesu Sagramentat. Għal din il-quddiesa wkoll preżenti għall-inkurunazzjoni kien hemm l-Imħallfin Lorenzo Xuereb u Filippo Pullicino u l-Markiż Saverio de Piro, u oħrajn. Ta' min jinnota li għall-poplu deher l-Onor. Conti Serafino Ciantar (xi ħaġa li llum mhix aċċettata).

Wara, inqara d-digriet u tbierku l-kuruni prezzjużi. Aktar tard saret il-quddiesa sollenni pontefikali segwita mill-mużika tas-surmastrijiet Nani. Malli spiċċa l-ponitifkal, l-Isqof poġġa l-ewwel kuruna fuq ras il-Bambin u wara tpoġġiet kuruna oħra fuq ras il-Madonna. Propju dak il-ħin il-knejjes kollha ta' Malta taw l-aħbar ta' ferħ bid-daqq ta' qniepen u sparar. L-Isqof spiċċa billi ntona ħajr lill-Alla permezz tat-*Te Deum*.

Aktar tard, il-Papa Ljun XIII għadda tletin jum indulġenza għal min jgħid tliet Ave Marijiet u Glorja quddiem din ix-xbieha nkurunata. Biex festa tkun tipikament Maltija ma setgħux jonqsu l-festi esterni, u naturalment biex tiġi mmarkata okkażjoni bħal din saru preparamenti kbar. Matul it-tridijiet fil-għaxija tat-tnax, tlettax u erbatax ta' Lulju, it-triq tal-Knisja u Triq it-Teatru kienu mdawlin kollha b'mod speċjali dik ta' ħdejn il-knisja bil-lampi tal-gass. Imbagħad fil-jiem tal-ħmistax u sittax ta' Lulju nxtegħlu aktar toroq fejn intużaw piramidi bid-dawl u fuq kull piramida kien hemm skrizzjoni.

Kienet xi ħaġa mhux tas-soltu - kemm għall-belt kif ukoll fl-irħula - fejn is-sistema biex jinxtegħlu t-toroq kienet taż-żejt. Bil-gass, id-dawl kien aktar qawwi u kulħadd baqa' mpressjonat b'dan it-tip ta' dawl.

Ta' min jgħid li l-faċċata tal-*Main Guard* kienet kollha mdawwla bit-tazzi taż-żejt tal-kulur u l-istess kien il-misraħ fejn kien imżejjen ukoll b'arkata tal-ħadid fuq kolonni. F'nofs il-misraħ kien hemm palk għall-banda jew kif ngħidu llum - planċier - maħdum fuq disinn ta' Francesco Bonnici mill-Isla. Artist ieħor li ta sehmu kien Vincenzo Cremona li ddisinja trofej kbar li jgħinu f'atmosfera festiva.

Barra attività qawwija fil-knisja u tiżjin fit-toroq saru aktar attivitajiet. Fit-13 ta' Lulju fl-erbgħa ta' wara nofsinhar saret regatta tad-dgħajjes fil-port ta' Marsamxett. Fl-14 ta' Lulju saru tiġrijiet taż-żwiemel mal-moll ta' Tas-Sliema (fejn dak iż-żmien ma kienx għad hemm il-bini li hemm illum). Għall-ħabta tad-disgħa ta' fil-għaxija, il-Banda La Vallette tat programm fil-misraħ ta' San Ġorġ. Lejliet il-festa, 15 t'Awwissu, fid-disgħa u nofs ta' fil-għaxija sar logħob tan-nar fuq l-għolja ta' Triq l-Ifran, filwaqt li fl-għaxra u nofs reġa' ndaqq l-innu tal-Madonna li kien ġie kompost mis-sur Emanuele Bartoli. Dan l-innu ndaqq ħdejn il-knisja tal-Karmnu. Bartoli kien is-surmast direttur tal-Banda La Vallette.

B'hekk segwejna l-festi ta' 125 sena ilu li saru f'ġieħ u qima lill-Ommna Marija Nkurunata taħt it-titlu tal-Karmelu - Omm il-Maltin u l-Għawdxin kollha, u fuq kollox Omm il-Komunità Karmelitana fil-gżejjer Maltin.

**Riferenza:**

Is-Santwarju tal-Karmnu - 1952. P. Lawrenz M. Sammut O. Carm.